MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tat-3 ta' April, 2012

Numru 415/1992

**Il-Pulizija**

**vs**

**Coronato Portelli**

**Illum 3 t'April 2012**

Il-Qorti;

Rat l-akkuza migjuba kontra Coronato Portelli ta' 196 Triq San Blass, Nadur, Ghawdex:

Talli f'Ghawdex, ghamilt jew gieghelt jew hallejt li jsir xi haga f'Durell, Sannat Ghawdex li ghaliha huwa mehtieg permess skond l-artikolu 16(1) tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija Kap 10 minghajr dak il-permess, jew mhux skond

il-kundizzjonijiet ta’ dak il-permess, konsistenti dan il-ksur filli bnejt bla permess. Ghaldaqstant il-Qorti mitluba sabiex tapponta ghas-smiegh dan il-kaz b’urgenza skond is-Subartikolu 7 tal-Artikolu 17 tal-Pulizija, Kapitolu 10 u li jigu applikati d-disposizzjonijiet tas-Subartikoli (1) (3) u (8) tal-imsemmi Artikolu 17. Fl-ahharnett il-Qorti hija mitluba tordna l-konfiska favur il-Gvern ta’ xi dritt li l-hati ghandu fi, jew fuq proprjeta’ immobbli li dwarha sar ir-reat u dan skond l-Artikolu 17A tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija Kap 10 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Semghet il-provi;

Ra l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi ftit wara l-inizzju ta’ dawn il-proceduri l-prosekuzzjoni ddikjarat li ma kellhiex aktar provi kontra l-imputat wara li esebiet pjanta ta’ bini fuq area li fuqha ma kienx hemmx permess ghal-zvilupp taht il-ligijiet ezistenti f’dak iz-zmien. Inoltre esebiet Avviz ta’ Rifjut ghall-permess ta’ dan il-bini mahrug fis-16 t’Awissu 1991 mill-Works Department – building Permits Section (fol 17) u dan l-avviz jghid hekk: “I am to inform you that your application was considered by the Planning Area Permit Board, but a building permit cannot be issued because internal development is intended. Minkejja dan ir-rifjut, l-imputat ghadda biex jizviluppa s-sit in kwistjoni. Bhala fatt ghalhekk il-prosekuzzjoni ppruvat li kien hemm zvilupp fuq s-sit in kwistjoni minghajr permess;

Bhalma kienet il-prassi dak iz-zmien, il-Qorti ikkoncediet diversi opportunitajiet lill-imputat fuq talba tieghu sabiex jittenta jirregolarizza l-posizzjoni tieghu naturalment bil-hrug ta’ permess idoneu. L-imputat kien applika ghall-permess biex jissana dan l-izvilupp izda dan kien michud u ghalhekk appella quddiem il-Bord tal-Appell tal-Ippjanar u skond il-verbal tas-seduta tas-6 ta’ Frar, 2000, l-imputat introduca appell quddiem il-Qorti tal-Appell. Fis-26 ta’ Mejju tas-sena 2004, il-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet Coronato Portelli vs Il-Kummissjoni ghall-Kontroll tal-

Izvilupp cahdet l-appell u kkonfermat ir-rifjut tal-Bord tal-Appell tat-12 ta' Dicembru 2001. B'hekk l-imputat kien ezawrixxa kull possibilita' li jottjeni permess u jsalva dan l-izvilupp izda minkejja li din il-kawza thalliet ghas-sentenza, kienet intalbet s-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza in vista ta' possibilita' ta' bdil fil-Pjan Lokali ghal Ghawdex. L-imputat fil-fatt irregistra talba ghar-rikonsiderazzjoni tal-permess mal-Awortita' tal-Ippjanar. Dan kien rifjutat u minn dan ir-rifjut sar appell quddiem il-Bord tal-Ippjanar liema appell kien ukoll michud;

Sussegwenti ghal dan, l-imputat qajjem tlett eccezzjoni ta' natura preliminari li kienu decizi minn din il-Qorti fis-26 ta' Ottubru 2011 u ghalhekk il-kawza setghet tipprosegwi;

L-imputat ghazel li jixhed f'dawn il-proceduri u *ex admissis* jghid illi meta kien jghix barra minn Ghawdex kien iddecieda li jibni dar gewwa Sannat u ghalhekk inkariga perit arkitett li infurmah li mhux suppost ikun hemm problema biex isir dan. Huwa kien konxju li kien jehtieg permess u pproceda biex jibni sular wiehed u fil-fatt bena d-dar tieghu mertu tal-kawza odjerna. Din id-dikjarazzjoni tassoda l-kawza tal-prosekuzzjoni u din il-Qorti ma ghandha ebda xelta ohra hlief li ssib htija fl-imputat ta' l-akkuza migjuba kontra tieghu;

Rat l-artikoli 16 u 17 tal-Kap 10 tal-Ligijiet ta' Malta kif salvati permezz tal-artikolu 63 (1) tal-Att I tal-1992;

Tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' mitejn u tletin euro (€230) ;

Tordna lill-imputat inehhi l-izvilupp li sar bla permess u jregga lura s-sit ghal dak li kien qabel l-istess zvilupp fi zmien tlett xhur mil-lum u taht kull direzzjonijiet li tista' timponi l-MEPA u dan fuq penali ta' sittin euro (€60) kull jum ghal kull jum ta' nuqqas.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------